MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2004

Numru 718/1998

Il-Pulizija
(Spettur A Farrugia Mamo)

vs

George Xuereb u Natalino Xuereb

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni kontra l-imputati George Xuereb ta’ 33 sena u Natalino Xuereb ta’ 30 sena ulied Joseph u Mary nee Camilleri imwieldin Pieta’ u residenti George l-Marsa ta’ karta ta’ identita 142365M u Natalino Haz-Zabbar ta’ karta ta’ identita’ numru 36168M, akkuzati li f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar xhur, b’diversi atti maghmulin fi

zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

i. approprjaw ruhom billi dawru bi profit ghalihom jew ghal persuna ohra minn vetturi Isuzu Mu bin-numru ta' registrazzjoni EAH 037 u Alfa Romeo Spider bin-numru ta' registrazzjoni SPI 200, liema vetturi huma registrati f'isem Carmen Xuereb u li jappartjenu lil Carmen Xuereb u persuni ohra u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilhom that titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat bi ksur ta' l-Artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. iffalsifikaw cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe' iffalsifikaw il-firma ta' Carmen Xuereb u persuni ohra fuq il-'log books' tal-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni EAH 037 u SPI 200 illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircevi bihom hlas jew jiehu il-kunsinna ta' oggetti jew jigbor depositu jew rahan minn ufficju pubbliku jew minn bank jew stabiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli xjentement ghamlu uzu mid-dokumenti hekk falsifikati bi ksur ta' l-Artikoli 167 u 169 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iii. ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' iffalsifikaw il-firma ta' Carmen Xuereb fuq il-'log books' tal-vetturi bin-numru ta' registrazzjoni EAH 037 u SPI 200 billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi u aktar talli xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura immsemmija bi ksur ta' l-Artikolu 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, ghamlu qliegh ta' aktar minn Lm5000 bi hsara ta' Carmen Xuereb u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 308 u 309 u 310(i) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kontra George Xuereb wahdu:

a. talli fit-30 ta' Awissu 1998 ikkommetta serq tal-vettura Isuzu Mu bin-numru ta' registrazzjoni EAH 037 minn Naxxar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur li jeccedi l-Lm1000 u xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Carmen Xuereb.

b. talli hu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 8 ta' Awissu 1990, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 9 ta' Novembru 1993 u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 22 ta' Marzu 1995 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat ir-rinviju tal-Avukat Generali (folio 138) permezz ta' liema billi dehrlu li mill-atti tal-kumpilazzjoni setghet tirrisuta htija jew htijiet kontra l-imputati skond l-artikoli tal-ligi minnu citati baghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddecidi dwar din il-htija jew htijiet.

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni biex il-kawza tinstema sommarjament.

Semghet l-ufficjal prosekutur tiddikjara li ma kellhiex aktar provi;

Semghet l-imputati bil-gurament u x-xhieda minnhom prodotti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Ai termini tar-rinviju tal-Avukat Generali l-akkuzi komuni ghaz-zewg imputati huma l-falsifikazzjoni ta' dokumenti u l-uzu tal-istess, ukoll il-falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat maghmula minn xi hadd li mhux ufficjal pubbliku, u t-truffa aggravata. L-imputat George Xuereb huwa in aggunta akkuzat wahdu ta' serq u recidiva.

Illi fil-fehma tal-qorti l-kawza, almenu sakemm indirizzata fuq l-akkuzi komuni ghaz-zewg imputati, tistrieh interament fuq jekk jinsabx pruvat sodisfacjentement l-falsifikazzjoni tal-firma ta' Carmen Xuereb, mart l-imputat George Xuereb. Hu allegat f'dan l-kuntest li z-zewg imputati ffalsifikaw il-firma tal-imsemmija Carmen Xuereb fuq il-'log books' relattivi l-vetturi EAH 037 u SPI 200 li permezz taghha l-imputati ttrasferew l-imsemmija vetturi dik bin-numru ta' registrazzjoni EAH 037 fuq terzi u dik bin-numru ta' registrazzjoni SPI 200 fuq l-imputat Natalino Xuereb.

Illi minghajr il-htiega li issir referenza dettaljata tax-xhieda il-fattur rilevanti f'din il-kawza hu li hu obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprova l-kaz taghha minghajr dubbju dettat mir-raguni waqt li l-imputati hu sufficjenti sabiex jinhelsu minn kull addebitu li jippruvaw sal grad tal-probabbli. Tabilhaqq l-imputati irnexxilhom f'din il-prova kemm bix-xhieda taghhom u xhieda estranja, senjatament dik ta' certu Pawlu Caruana, u kemm permezz ta' provi cirkonstanzjali bhal ma hu l-kuntratt ta' separazzjoni bejn l-konjugi l-imputat George Xuereb u l-imsemmija Carmen Xuereb. Fil-kuntest ta' dan il-kuntratt ir-rilevanza mhiex r-rinunzja taghha li proprjament m'ghandhiex locus standi f'dawn il-proceduri billi trattandosi ta' att pubbliku (log-book) hu azzjonabbli 'ex officio' izda billi isahhah l-verosimiljanza u l-fattur tal-probabbli ghat-tezi taghhom.

Ghalhekk l-ewwel erba akkuzi ma jreggux.

Illi ghal dawk l-akkuzi kontra l-imputat George Xuereb wahdu dik tas-serq difficilment treggi anzi tista tigi definittivament eskluza mhux biss ghaliex fl-ghar ipotesi iddispona minn proprjeta’ li kienet tieghu stess izda wkoll fuq l-iskorta tal-Artikolu  331, 332 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk isegwi li anki din l-akkuza ma treggix u konsegwentement lanqas dik tar-recidiva.

Ghaldaqstant u billi l-akkuzi ma jirrisultax qeghdha il-qorti tillibera lill-imputati minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------